- *dritt ta' ħabsi li jiżżewweġ*
- *detenzjoni solitarja*
- *projbizzjoni ta' visti fil-ħabs*
- *żamma ta' korrispondenza bejn priġunier u qrabatu*

# FIL-PRIM'AWLA TAL-QORTI ĊIVILI

**(Sede Kostituzzjonali)**

**IMĦALLEF**

**ONOR. GRAZIO MERCIECA LL.D.**

**ILLUM, 3 ta' Mejju 2022**

**Rikors Nru. 200/2019 GM**

**Meliza Muscat (ID : 36190M) u**

**Yousef Essesi (ID : 509491M)**

**vs**

**Id-Direttur tal-Faċilita` Korrettiva ta' Kordin**

**Il-Qorti,**

Rat ir-Rikors ta' Meliza Muscat (ID: 36190M) u Yousef Essesi (lD: 509491M) li permezz tiegħu wara li ppremettew illi :

a. Ir-rikorrenti għandhom relazzjoni amoruża u ilhom għal dawn l-aħħar xhur jixtiequ li jiżżewġu;

b. Ir-rikorrenti Yousef Essesi jinsab inkarċerat fil-Faċilita` Korrettiva ta' Kordin sabiex jiskonta sentenza ta' ħabs;

ċ. F'Ġunju, 2018, ir-rikorrenti talbu l-permess tad-Direttur intimat sabiex jippermetti lir-rikorrenti Essesi joħroġ mill-ħabs taħt skorta, sabiex hu flimkien mar-rikomenti Muscat japplikaw għal-pubblikazzjoni tat-tnedijiet taż-żwieġ fir-reġistru fil-Belt Valletta;

d. Id-Direttur awtorizza li dan isir u fil-fatt it-tnedijiet ġew ippublikati;

e. Madwar għaxart ijiem qabel id-data prospettiva taż-żwieġ id-Direttur intimat informa lir-rikorrenti Essesi li ma kienx ser jippermettilu joħroġ biex jiżżewweġ u għaldaqstant iż-żwieġ ma seħħx;

f. Sadanittant r-rikorrenti Essesi ġie trasferit f'Diviżjoni 15 fil-ħabs, diviżjoni li minkejja m'hijiex magħrufha bħala waħda li tintuża għal rekluzjoni [solitary confinement), bħala stat ta' fatt fiha kien hemm Essesi biss. Din l-inkarċerazzjoni solitari damet seba' xhur sħaħ;

ġ. F'Mejju, 2019, ir-rikorrenti inkarigaw l-Avukati tagħhom sabiex għal darb'oħra ssir talba lid-Direttur intimat sabiex jitħallew jiżżewġu;

h. Din it-talba ma ġietx milqugħa u r-rikorrenti preżentaw protest ġudizzjarju kontra d-Direttur bit-tama illi dina s-sitwazzjoni tirrisolvi ruħha;

i. L-għada li d-Direttur intimat irċieva l-protest, lir-rikorrenti Essesi marru għalih il-Gwardjani u infurmawħ li kienu ser jieħdu f'Diviżjoni 6. Kif kien qed jiġi skortat lejn id-Diviżjoni, huwa ġie wiċċ'imb'wiċċ mad-Direttur intimat li kif raħ qallu: "Kemm indum hawn jien mhux se nħallik tiżżewweġ - għidlu lill-Avukat. U għid grażżi lit-tfajla tiegħek";

j. Dakinhar huwa ssakkar waħdu fid-diviżjoni magħrufa għal reklużjoni (solitary confinement), tneżża għarwien u tħalla tlett ijiem ġo ċella, waħdu, għarwien u bla saqqu jew kutra biex jitgħatta biha;

k. Daqs li kieku dan mhux biżżejjed, lir-rikorrenti Muscat tneħħiela d-dritt li żżur lil Essesi. Fil-fatt hija ratu l-aħħar fid-29 ta' Lulju, 2019.

l. L-Artikolu 12 tal-Konvenzjoni Ewropea [kif sanċit permezz tal-Artikolu 12 tal-Ewwel Skeda tal-Kap 319 tal-Liġijiet ta' Malta) jipprovdi illi "***L-irġiel u n-nisa ta' eta` ta' żwieġ għandhom id-dritt li jiżżewġu u li jkollhom familja, skont il-liġijiet nazzjonali li jirregolaw l-ezerċizzju ta' dan id-dritt';***

m. Ir-rikorrenti jissottomettu illi l-aġir tad-Direttur intimat qed isarraf f'leżjoni tad-drittijiet fundamentali tagħhom kif protetti bl-Artikolu 12 fuq indikat;

n. L-Artikolu 3 tal-Konvenzjoni Ewropea (kif sanċit permezz tal-Artikolu 3 tal-Ewwel Skeda tal-Kap 319 tal-Liġijiet ta' Malta) jipprovdi illi "***Ħadd ma għandu jkun assoġġettat għal tortura jew għal trattament jew piena inumana iew degradanti";***

o. Ir-rikorrenti Essesi jissottometti illi l-aġir tad-Direttur intimat u b'mod speċifiku l-kastig tar-reklużjoni (solitary confinement), iż-żamma ta' priġunier ġo ċella għarwien u mingħajr saqqu u ż-żamma ta' priġunier waħdu ġo Diviżjoni (allavolja ma tkunx waħda ta' reklużjoni) qed isarrfu f'leżjoni tad-drittijiet fundamentali tagħhom kif protetti bl-Artikolu 72 fuq indika;

p. L-Artikolu 8 tal-Konvenzjoni Ewropea [kif sanċit permezz tal-Artikolu B tal-Ewwel Skeda tal-Kap 319 tal-Liġijiet ta' Malta] jipprovdi illi:

8 [1) Kulħadd għandu d-dritt għar-rispett tal-ħajja privata tiegħu u tal-familja tiegħu, ta' daru u tal-korrispondenza tiegħu.
(2) Ma għandux ikun hemm indħil minn awtorita` pubblika dwar l-eżerċizzju ta' dan id-dritt ħlief dak li jkun skont il-liġi u li jkun meħtieġ f' soċjeta` demokratika fl-interessi tas-sigurta` nazzjonali, sigurta` pubblika jew il-ġid ekonomiku tal-pajjiż, biex jiġi evitat id-diżordni jew l-għemil ta' delitti, għall-protezzjoni tas-saħħa jew tal-morali, jew għall-protezzjoni tad-drittijiet u libertajiet ta' ħaddieħor.

q. Ir-rikorrenti Muscat tissottometti illi t-twaqqif arbitrarju u vendikattiv tad-dritt tagħha li żżur lill-maħbub tagħha huwa leżiv għad-drittijiet tagħha u tar-rikorrenti Essesi kif protetti mill-Artikoli 3 u 8 fuq indikati.

Talbu lil din il-Qorti sabiex:

Takkordalu r-rimedji li tqis li huma adekwati u sufficjenti biex tiżgura l-protezzjoni u r-rispett tad-drittijiet fundamentali tal-bniedem kif sanċiti fl-Artikoli 3, 8 u 12 tal-Ewwel Skeda tal-Kapitolu 319 tal-Liġijiet ta' Malta kif protetti wkoll permezz tal-Artikoli 3, B u 1"2 tal-Konvenzjoni Ewropea, u dan inter alia billi l-Qorti:

1. Tiddikjara li d-drittijiet tal-rikorrenti sabiex jiżżewġu jkollhom ġew miksura;

2. Tiddikjara illi d-drittijiet tar-rikorrenti għal rispett lejn il-ħajja privata u familjari, id-dar u l-korripondenza kienu miksura; u

3. Tiddikjara li l-aġir tad-Direttur intimat fil-konfront tar-rikorrenti Essesi sarraf fi ksur tad-drittijiet tar-rikorrenti kif protetti mill-Artikolu 3 tal-Ewwel Skeda tal-Kap 319 tal-Liġijiet ta' Malta u tal-Konvenzjoni Ewropea;

4. Tiddikjara illi r-rekluzjoni in ġenerali hija leżiva tad-drittijiet fundamentali tal-bniedem skont Artikolu 3 tal-Ewwel Skeda tal-Kap 319 tal-Liġijiet ta' Malta u tal-Konvenzjoni Ewropea;

5. Tiddikjara illi ż-żamma ta' priġunier waħdu f'diviżjoni vojta hija leżiva għad-drittijiet fundamentali tal-bniedem skont Artikolu 3 tal-Ewwel Skeda tal-Kap 319 tal-Liġijiet ta' Malta u tal-Konvenzjoni Ewropea;

6. Tiddikjara illi ż-żamma ta' priġunier ġo ċella għarwien u bla saqqu hija leżiva għad-drittijiet fundamentali tal-bniedem skont Artikolu 3 tal-Ewwel Skeda tal-Kap 319 tal-Liġijiet ta' Malta u tal-Konvenzjoni Ewropea;

7. Tordna lid-Direttur intimat sabiex jieħu dawk il-miżuri kollha neċessarji sabiex jippermetti ż-żwieġ tal-partijiet;

8. Tagħti lid-Direttur intimat dawk id-direttivi u ordnijiet ulterjuri li tħoss xierqa;

9. Tikkompensa lir-rikorrent bis-setgħa ta' Artikolu 50 tal-Konvenzjoni Ewropea għad-Drittijiet tal-Bniedem u Libertajiet Fundamentali u Artikolu 46 sub-artikolu 2 tal-Kostituzzjoni ta’ Malta. Barra dan, billi timponi kwalunkwe miżuri li jidhrilha xierqa u tiddikjara li l-ispejjeż ġudizzjarji għandhom jitħallasu mill-konvenut/i.

Rat ir-Risposta tad-Direttur tal-Faċilita` Korrettiva ta' Kordin li permezz tagħha eċċepixxa illi :

Il-lanjanza tar-rikorrenti hija fis-sens li allegatament fi kliem l-istess rikorrenti illi *(a) "l-aġir tad-Direttur intimat qed isarraf f'lezjoni tad-drittijiet fundamentali tagħhom kif protetti bl-Artikolu 12 fuq indikat"; (b) "r-rikorrenti Essesi jissottometti illi l-aġir tad-Direttur intimat u b'mod speċifiku l-kastig tar-rekluzjoni (solitary confinement), iz-zamma ta' priġunier ġo ċella għarwien u mingħajr saqqu u z-zamma ta' priġunier waħdu ġo Divizjoni (allavolja ma tkunx waħda ta' rekluzjoni) qed isarrfu f'lezjoni tad-drittijiet fundamentali tagħhom kif protetti bl-Artikolu 12 fuq indikat"; u (ċ) "illi r-rikorrenti Muscat tissottometti illi twaqqif arbitrarju u vendikattiv tad-dritt tagħha li zzur lill-maħbub tagħha huwa leziv għad-drittijiet tagħha u tar-rikorrenti Essesi kif protetti mill-Artikoli 3 u 8 fuq indikati".*

L-esponenti jikkontesta l-allegazzjonijiet u l-pretensjonijiet tar-rikorrenti stante li huma nfondati fil-fatt u fid-dritt għar-raġunijiet segwenti:

1. In linea preliminari wkoll, ir-rikorrenti qegħdin jabbuzaw mill-proċess kostituzzjonali stante illi huma qegħdin jadoperaw proċedura straordinarja bħal ma hija l-proċedura odjerna meta kellhom a dispozizzjoni tagħhom rimedji ordinarji sabiex iħarsu d-drittijiet pretizi minnhom tramite l-proċedura tal-ilmenti u talbiet stabbilita fir-Regolament 17 u 18 tat-Taqsima II tar-Regolamenti tal-Ħabs kif ukoll skont it-Taqsima IV tal-istess Regolamenti tal-Ħabs (LS 260.03) kif ukoll ir-rimedju ġenerali fil-forma ta' azzjoni ta' stħarriġ ġudizzjarju ai termini tal-Artikolu 469A tal-Kap. 12 tal-Liġijiet ta' Malta. F'dan ir-rigward l-esponenti għalhekk jeċepixxi n-nuqqas ta' ezawriment tar-rimedji ordinarji da parti tar-rikorrenti u l-esponenti jistieden lil dina l-Onorabbli Qorti sabiex tiddeklina milli tezerċita l-ġurisdizzjoni konvenzjonali tagħha ai termini tal-

proviso għall-Artikolu 4 (2) tal-Att dwar il-Konvenzjoni Ewropea (Kap. 319 tal-Liġijiet ta' Malta);

2. Mingħajr preġudizzju għas-suespost u fil-mertu, it-talbiet tar-rikorrenti huma nfondati fil-fatt u fid-dritt stante li ma hemm l-ebda ksur tad-drittijiet fundamentali tar-rikorrenti. Illi tajjeb li jingħad illi r-rikonenti Essesi ġie mressaq mill-Pulizija fuq xejn anqas minn sbatax-il kaz kriminali separati liema kazijiet kriminali jvarjaw bejn sewqan mingħajr liċenzja, kaġunar ta' feriti ta' natura gravi, diversi akkuzi ta' serq, rapporti foloz, theddid fuq it-tfajla preċedenti tiegħu kif ukoll fuq familjari oħra tagħha fost l-oħrajn. Prezentement Essesi qiegħed jiskonta diversi sentenzi li nstab ħati fihom. Illi waqt li qiegħed il-ħabs, ir-rikorrent Essesi diġa' kellu mija u sebgħa kazijiet ta' dixxiplina (107) fejn saħansitra sawwat persuna oħra li tinstab fil-Faċilita', kien kisser kompletament id-divizjoni fejn kien allokat kif ukoll darb'oħra ta n-nar lid-divizjoni li kien fiha. Illi r-rikorrent Essesi għandu storja twila ta' *self harm* fejn jibla' xfafar, *pins, cables,* molol tal-*metal* u *screws*. Illi r-rikorrenti Essesi jirċievi l-kura appozita kemm fizika kif ukoll psikjatrika fl-istess Faċilita' sabiex jkun jista' jegħleb il-mard li jinstab afflit bih peress li r-rikorrent Essesi jitkellem kontinwament dwar il-fatt li huwa jrid jitgħallaq.

3. In kwantu r-rikorrenti jallegaw ksur tal-Artikolu 12 tal-Konvenzjoni Ewropea naxxenti mill-allegazzjoni li huma ma tħallewx jiċċelebraw iz-zwieġ tagħhom, l-esponenti jissottometti li dana l-artikolu konvenzjonali jipprovdi li persuni adulti għandhom id-dritt li jizzewġu madanakollu dan id-dritt huwa suġġett għall-kundizzjoni li dan id-dritt għandu jiġi ezerċitat skont il-liġijiet nazzjonali li jirregolaw l-ezerċizzju ta' dan id-dritt.

Dan l-artikolu jagħti d-dritt li persuna tizzewweġ izda dan ma jfissirx li dik il-persuna tista' tagħmel hekk mingħajr ma tottempera ruħha mal-liġi domestika li tirregola z-zwiġijiet. Illi ċertament li r-rikorrenti Essesi ma jistax f'nifs wieħed jitlob li jingħata permess li jizzewweġ u ezatt wara jhedded b'mod l-aktar sfaċċjat lill-persuna li jrid jintrabat magħha fiz-zwieġ. Illi l-esponent, tenut kont tas-saħħa mentali tar-rikorrenti kif ukoll tal-fatt li r-rikorrent Essesi qiegħed prezetement jiskonta sentenza minħabba li hedded lit-tfalja li kellu qabel u l-qraba tagħha kif ukoll peress li kontinwament jhedded lit-tfajla li qiegħed jitlob li jizzewweġ huwa tal-fehma li r-

rikorrenti Essesi ma jissodisfax ir-rekwiziti imposti fl-Att taz-Zwieġ sabiex huwa jikkuntratta z-zwieġ tiegħu.

Isegwi għalhekk li ma hemm xejn irregolari filli l-esponenti jimxi b'mod rigoruz mar-rekwiziti maħsuba mil-leġislatur sabiex jiġi kuntrattat zwieġ f'Malta. Illi ċertament li tali aġir bl-ebda mod ma jikser id-dritt protett permezz tal-Artikolu 12 tal-Konvenzjoni Ewropea.

4. In kwantu r-rikorrenti jallegaw ksur tal-Artikolu 3 tal-Konvenzjoni Ewropea naxxenti minn allegazzjonijiet li r-rikorrent Essesi ingħata l-kastig tar-rekluzjoni (solitary confinement) fejn inzamm ġo ċella mingħajr ħwejjeġ u mingħajr saqqu. L-esponenti jikkontesta bil-qawwa kollha dina l-allegazzjoni: il-Faċilita' ma għandha l-ebda ċella ta' *solitary confinement*. Illi ċ-ċellel kollha fil-Faċilita' jissodisfaw ir-rekwiziti li ġew stabbiliti fir-rapporti tal-Kumitat tal-Protezzjoni kontra t-Tortura tal-Kunsill tal-Ewropa (CPT) kemm għal dak li jirrigwarda d-dimensjonijiet kif ukoll għal dak li jirrigwarda l-kundizzjonijiet. Illi meta r-rikorrenti Essesi kien hedded li ser jitgħallaq u għalhekk huwa tpoġġa f' divizjoni oħra b'aktar sigurta'. Illi fiċ-ċella li kien akkomodat kellu saqqu b'*bedding* apposta (liema *bedding* huwa tali li ma jistax jitqatta' b'mod li persuna tkun tista' tagħmel il-ħsara lilha nfisha), tneħħewlu l-ħwejjeġ li kien bihom u ngħata ħwejjeġ li wkoll huma tali li ma jistgħux jitqattu b'mod li persuna tkun tista' tagħmel il-ħsara lilha nfisha. Illi dan kollu jsir għas-sigurta' fizika tal-persuna sabiex ma jkunx hemm inċidenti.

L-esponenti jissottometti illi skont il-ġurisprudenza kopjuza tal-Qorti Ewropea għad-Drittijiet tal-Bniedem *'inhuman treatment covers at least such treatment as deliberately causes severe mental and physical suffering*. Fil-kaz **Tekin v. Turkey** deċiz fid-9 ta' Ġunju 1998, ġie osservat illi t-trattament jitqies inuman meta jkun maħsub minn qabel u ppremeditat biex jikkaġuna *'intense physical and mental suffering'*.

L-esponenti jissottometti illi għar-rigward ta' trattament degredanti, dan jitqies li jirreferi għal dak it-trattament li jġiegħel lil dak li jkun ikisser ir-resistenza kemm fizika u morali tal-vittma jew li jġiegħel lill-vittma li taġixxi kontra l-volonta' tagħha. Fil-kaz **Ranninen v. Finland** deċiz mill-Qorti Ewropea fis-16 ta' Diċembru 1997 ġie osservat illi 'in considering whether a

punishment or treatment is " degrading" within the meaning of Article 3, regard should be had as to whether its object is to humiliate and debase the person concerned and whether, as far as the consequences are concerned, it adversely affected his or her personality in a manner incompatible with Article 3'.

Speċifikatament għal dak li jirrigwarda *solitary confinement*, il-prinċipji li ġew stabbiliti fil-ġurisprudenza tal-Qorti Ewropea huma illi dan it-tip ta' konfinament irid ikun (a) proporzjonat (minħabba li l-persuna wettqet jew ser twettaq ħsara lilha nfisha); (b) leġittima; (ċ) dettalji dwar deċizjoni li permezz tagħha persuna titpoġġa f'*solitary confinement* għandhom jinzammu u (d) it-test tan-neċessita' u ċioe' għandhom jiġu mposti biss dawk ir-restrizzjonijiet neċessarji sabiex tiġi assigurata' s-sigurta' tal-persuna.

Tenut kont tal-fatti esposti u l-ġurisprudenza kemm nostrana kif ukoll tal-Qorti Ewropea jinzel biċ-ċar li ma kien hemm l-ebda vjolazzjoni tad-drittijiet protetti permezz tal-artikolu 3 tal-Konvenzjoni;

5. In kwantu r-rikorrenti jallegaw ksur tad-dritt protett permezz tal-Artikolu 8 tal-Konvenzjoni Ewropea, l-esponenti jissottometti fl-ewwel lok li huwa dubjuz ferm kemm dan l-artikolu japplika għall-kaz in kwistjoni peress li r-rikorrenti mhumiex mizzewġin u ma għandhom l-ebda rabtiet familjari bejniethom.

Mingħajr preġudizzju għas-suespost, l-esponenti jissottometti li bħala regola dan l-artikolu tal-Konvenzjoni jipprovdi illi kull persuna għandha dritt għar-rispett tal-ħajja familjari tagħha u għall-privatezza tagħha. Is-subinċiz (2) tal-istess artikolu jipprovdi illi interfererza fit-tgawdija ta' dan id-dritt ma twassalx għal-lezjoni jekk tali interferenza saret skont il-liġi u tkun neċessarja f'soċjeta' demokratika. Illi jekk fil-fehma ta' dina l-Onorabbli Qorti, id-deċizjoni tal-esponenti tikkostitwixxi interferenza ċertament li dina hija ġustifikata stante li saret skont il-liġi u hija neċessarja sabiex jiġi evitat it-twettiq ta' delitt.

L-esponenti jissottometti li bl-ebda tiġbid tal-immaġinazzjoni ma jista' jingħad li ġie vjolat lir-rikorrenti d-dritt tagħhom protett permezz tal-artikolu 8 tal-Konvenzjoni.

6. In vista tas-suespost ma hemm l-ebda ksur ta' dawn l-artikoli u għaldaqstant, t-talbiet tar-rikorrenti għandhom jiġu miċħuda.

Rat l-atti tal-kawża.

Rat illi fil-mori tal-kawża r-relazzjoni amoruża bejn iż-żewġ rikorrenti spiċċat.

Qrat in-noti ta' sottomissjonijiet bil-miktub tal-partijet.

Ikkunsidrat:

**Fatti:**

Ir-rikorrent Yousef Essesi jinstab inkarċerat fil-Faċilita` Korrettiva ta' Kordin jiskonta diversi sentenzi ta' ħabs. Daħal għall-ħabta tas-sena 2014. Tul il-karċerazzjoni tiegħu kellu madwar 160 każ ta' dixxiplina ħafna minnhom qabel Ġunju 2018 minn liema żmien l-imġieba tiegħu tjiebet ħafna.[1] Intbagħat diviżjoni 6 ("tal-kastig") 'il fuq minn 20 darba. Fi żmien id-direttur Dalli mar xi darbtejn jew tlieta. Kellu madwar 22 każ ta' self-harm, inkluż li jaqta' l-polz. Dalli esebixxa CD ta' Yousef jaqta' l-polz. Ittieħed diversi drabi Mount Carmel meta hedded li kien sejjer jitgħallaq. Skont rapport tal-Correctional Services Agency tal-25 ta' Mejju 2021, Yousef għandu sinjali ta' psikopatija, *antisocial personality disorder* u *dissocial personality disorder.*[2] U kklassifikat bħala "*very high risk – dangerous personality*".[3]

Fil-bidu ta' Jannar 2018 inbagħat f'Diviżjoni 15 għal seba' xhur wara li kellu xi xgħid ma' grupp ta' Għarab. Qalulu li dan kien għas-sigurta` tiegħu. Din id-diviżjoni kienet tintuża' f'emerġenza per eżempju meta l-

[1] Fi kliem id-direttur tal-Faċilita` a fol 432.
[2] Fol 809
[3] fol 806

ħabs ikun iffullat iżżejjed u kienu jitfgħu fih l-imigranti. Fl-ewwel sitt xhur kien waħdu; fl-aħħar xahar kien akkumpanjat minn priġunier ieħor. Kien hemm gwardjan jissorveljah kontinwament. Essesi jallega li din id-diviżjoni tinstab taħt l-art. Ħaġa miċħuda mid-direttur tal-ħabs li xehed li fil-ħabs kull diviżjoni tinstab jew fil-pjan terran jew f'sulari ogħla. Kien jitlob, għalxejn, li jara psikologu jew lid-direttur. Kien jikkontempla jagħmel suwiċidju. Visti għall-bidu ma kellux imbagħad beda jkollu kuntatti ma' Meliza darba fil-ġimgħa. Din saret tfisser kollox għalih.

Skont id-direttur Yousef kisser din id-diviżjoni. Minn dak iż-żmien 'l hawn din id-diviżjoni ġiet irranġata u kultant tintuża' bħala dormitorju fejn jinżammu l-priġunieri. Waqt il-covid inbidlet fi sptar.

Essesi ngħata *prison leave* sabiex jiżżewweġ lil Meliza Muscat.

Alexander Dalli ġie nkarikat bħala Direttur tal-Faċilita` minn nofs Ġunju 2018. Appena laħaq, fil-15 ta' Ġunju 2018 waħħal fil-kuridur tal-ħabs avviż li jaqra hekk:
"Jekk il-vjolenza u l-kriminalita`għandhom ikunu mrażżna, aħna l-uniċi nies li nistgħu nagħmluha. Il-priġunier ma ma jibżax mill-pulizija, mill-imħallef jew mill-ġurija. Għalhekk, huwa x-xogħol tagħna li ngħallmu l-biża'. Merħba fil-ħabs!"

Jidher li l-Prison Leave Advisory Board irrakkomanda l-leave.[4] Yousef ingħata l-permess joħroġ mill-Faċilita` biex imur japplika fir-Reġistru Pubbliku. Inħarġu t-tnidijiet taż-żwieġ bejn is-16 ta' Lulju 2018 u l-25 ta'

[4] fol 441

Lulju 2018. Id-data taż-żwieġ ġiet iffissata għat-13 ta' Lulju 2018. Meliza ħejjiet iċ-ċrieket, il-libsa tat-tieġ u għamlet il-preparamenti meħtieġa. Sadanittant Dalli laħaq direttur u approva l-leave għad-data taż-żwieġ. Fit-3 ta' Lulju 2018, għaxart ijiem qabel iż-żwieġ, id-direttur biddel id-deċiżjoni tiegħu dwar il-prison leave, billi meta inizjalment approva l-leave, kien għadu kemm laħaq direttur u ma kienx familjari mal-file ta' Yousef. Skont id-direttur, il-prison leave jingħata fuq rakkomandazzjoni tal-Prison Leave Advisory Board u normalment il-priġunier irid ikun ilu ma jikkommetti ksur tar-regolamenti madwar 6 xhur.[5] Id-direttur ipprova jiġġustifika l-*volte-face* billi esebixxa cd irrekordjati wara d-data li fiha kellu jsir iż-żwieġ. Fuq domanda tal-Qorti stqarr li ma jafx jekk persuna tistax titħalla tiżżewweġ fil-ħabs stess.

Yousef ħadha bi kbira anke għaliex Meliza kienet ġiet umiljata. Issakkar fid-diviżjoni u tefgħulu l-*pepper spray*. Ġie ttrasferit għal diviżjoni 6 magħrufa bħala tal-kastig. Hemmhekk tinqafel 23 siegħa, toħroġ siegħa u ċċempel darba kull 10 ijiem. Skont id-direttur, diviżjoni 6 għandha privileġġi inqas u tintuża meta jkun hemm xi ħadd fuq il-watch list ta' suwiċidju.[6]

Meta rribella għamel il-ħsara fid-diviżjoni li kien fiha. Wara diviżjoni 6 intbagħat diviżjoni 5, diviżjoni ta' sigurta` massima fejn jinżammu priġunieri kkundannati fuq akkużi servji, uħud għal għomorhom il-ħabs. Hawn dam 60 ġurnata msakkar. Yousef stqarr li **dan il-kastig kien tort tiegħu** għax kien misbehaved. Wieħed mir-rapporti kien li ried iħallas €927. Meliza riedet tħallashom f'daqqa imma ma ħallewhiex għaliex

[5] Fol 436
[6] fol 431

hemm regola li massimu jistgħu jidħlu €120 fil-ġimgħa. Għalhekk ma setax iċemplilha u lanqas kellu biex jixtri l-ilma. Għamel mill-inqas xahrejn ma jikkuntattahiex sakemm tħallsu l-flus.

Id-direttur imbagħad bagħtu division 13 suppost għal ġimagħtejn iżda dam sitt xhur. F'dawn is-sitt xhur, Yousef kellu rapport wieħed biss u ħadem gymnasium ġdid. Id-direttur faħħru ta' dan ix-xogħol. F'din id-diviżjoni, il-priġunieri jibqgħu barra miċ-ċella tagħhom sal-4 p.m. b'differenza minn diviżjonijiet oħra li jibqgħu barra sas-7 p.m. Yousef talab li jkun jista' jikkuntattja lit-tfajla tiegħu għaliex din taħdem sal-4.30 p.m. Din ikkunsidraha bħala kastig ieħor. B'danakollu waqt li kien f'din id-diviżjoni kiteb ittra lid-direttur ifaħħru tad-dixxiplina u talli qatta' siegħa miegħu. Qallu li t-tfajla kienet kuntenta bil-bidla fl-imġieba tiegħu. Faħħru tal-bidla li kien qiegħed jagħmel fil-ħabs.[7]

Wara – fis-sena 2019 - irċieva aħbar li kien sejjer jiġi trasferit għal diviżjoni numru 3. Reġa' talab li jiżżewweġ iżda Elenio Galea, Correctional Captain tal-Faċilita`, wieġbu li d-direttur ma riedx. Informa lil Meliza li kkuntattjat lill-avukat li ppreżenta protest ġudizzjarju fis-7 t'Awwissu 2019.

Il-protest ġudizzjarju kien limitat għall-kwistjoni tar-rifjut tal-leave biex ir-rikorenti jkunu jistgħu jiżżewġu.[8]

Minnufih wara l-preżentata tal-protest ġudizzjarju, Yousef inxteħet fid-diviżjoni numru 6 mingħajr ma ngħata l-ebda raġuni, meta suppost priġunier jintbagħat f'din id-diviżjoni wara li jsirlu rapport. Huwa u

---

[7] Fol 832
[8] Fol 397

sejjer lejn diviżjoni 6 mmanettjat id-direttur iltaqa' wiċċ imb wiċċ ma' Yousef u qallu biex jgħid lill-avukat tiegħu li kemm idum direttur ma kienx sejjer iħallih jiżżewweġ; u li minn diviżjoni 6 mhux sejjer joħroġ. Id-direttur, mistoqsi in kontro-eżami jekk qalx dan id-diskors, kien evasiv u qal li ma jiftakarx li qal dan id-diskors. Tefgħuh ġo ċella li skontu kienet bla toilet, bla sink, għarwien ħuta, bla sodda, bla saqqu u bla liżar. Ħallewh lejl hemmhekk. Skont id-direttur, skont parir ta' psikjatra aħjar il-priġunier jitħalla bla ħwejjeġ milli jkollu qalziet u jitgħallaq bih.[9] Il-prassi fil-Faċilita` iżda hija li l-priġunier jingħata non-tearable clothes.[10]

Huwa ċempel lill-avukat tiegħu u ġie rritornat lura fid-diviżjoni numru 3.

Ukoll minnufih wara l-preżentata tal-istess protest, Meliza ġiet ipprojbita milli tidħol fil-Faċilita` għal sitt xhur u ġew ukoll miżmuma l-ittri li kienet tibgħat lil Yousef. Lanqas setgħet taħsillu l-ħwejjeġ u tibgħatlu l-ikel. Meliza ħassitha għal darb'oħra umiljata u kellha tbiddel il-post tax-xogħol tagħha.

Meliza dehret fuq il-programm televiżiv Xarabank tirrakkonta l-istorja tagħha u ta' Yousef u minnufih Yousef reġa' ġie ttrasferit għal diviżjoni numru 6 għal tlett ijiem mingħajr ma ngħata raġuni. Huwa kkuntattja lill-avukat tiegħu. Għal darb'oħra, Meliza ġiet ipprojbita milli tidħol fil-Faċilita`. Mistoqsi, id-direttur għal darb'oħra b'mod evażiv wieġeb li ma jiftakarx jekk Yousef intbagħatx f'diviżjoni numru 6 wara x-xandira televiżiva u li trasferimenti minn diviżjoni għall-oħra jsiru "on the spot" minn uffiċjali oħrajn tal-ħabs. Stqarr wkoll li Meliza ma tħallietx tidħol il-ħabs wara telefonati ma' Yousef fl-10 t'Awwissu 2019. Ir-recording

[9] fol 433
[10] xhieda tad-direttur a fol 434

ġie esibit. Fih tliet telefonati fl-istess data. Fl-ewwel telefonata talabha tieħu video. Fit-tieni telefonata Meliza nfurmatu li rrekordjat lill-gwardjani ssaqsihom l-għala ma kinux qegħdin iħalluha tidħol fil-Faċilita`. Fit-tielet telefonata nfurmatu li kellmet lill-avukat kif ukoll għamlet recording għal fuq il-programm Xarabank. Jirriżulta għalhekk li Meliza ma ġietx ipprojbita milli taċċedi fil-Faċilita` minħabba r-recording, imma għall-kuntrarju meta għamlet ir-recording kienet diġa` pprojbita mill-aċċess.

Eżatt wara l-programm ta' Xarabank reġa' ntbagħat f'diviżjoni 6 mingħajr ma ngħata raġuni. Għamel tlett ijiem hemmhekk u din id-darba talab u tawh saqqu. Reġa' ntbagħat f'diviżjoni numru 3, fejn kien hemm Għarbi li minħabba fih kien intefa' f'diviżjoni 15.

Xtaq jiżżewweġ biex ikollu nċentiv jitbiegħed mill-kriminalita`u jkollu l-affezzjoni li qatt ma kellu f'ħajtu għax anke ommu kienet abbandunatu meta kien żgħir.

**Punti legali:**

***Iż-żwieġ***

Artiklu 12 tal-Konvenzjoni jagħraf id-dritt fundamentali li wieħed jista' jiżżewweġ skont il-liġijiet nazzjonali li jirregolaw l-eżerċizzju ta' dan id-dritt. Limitazzjoni din li jekk tiġi kkunsidrata b'mod rigoruż tista' ġġib id-dritt fix-xejn. Il-Qorti Ewropea ddeċidiet li mhix disposta biex tissostitwixxi l-ġudizzju tagħha għal dik tal-awtoritajiet lokali. [11]

[11] B and L v UK 13 ta' Settembru 2005.

Applikanti għaż-żwieġ huma mistennija jikkonformaw mal-ħtiġijiet proċedurali imposti mill-Istat. Limitazzjonijiet ġeneralment rikonoxxuti bħall-kapaċita`, il-kunsens, konsangwinita`u l-prevenzjoni tal-bigamija aktarx ikunu kompatibbli mal-Konvenzjoni. Iżda l-limitazzjoni fit-test tal-Konvenzjoni ġie nterpretat fis-sens li l-liġijiet nazzjonali jistgħu jirregolaw l-eżerċizzju tad-dritt iżda ma jistgħux jaffettwaw is-sustanza.[12]

Meta l-Konvenzjoni kienet għadha friska deċiżjonijiet tal-Kummissjoni Ewropea ċaħdu d-dritt ta' priġunier li jiżżewweġ,[13] iżda aktar tard aċċettatu u ddeċidiet li l-awtoritajiet tal-ħabs ma setgħux jirrifjutaw talba ta' priġunier biex jiżżewweġ waqt li jkun qiegħed jiskonta s-sentenza tiegħu.[14] Ikkunsidrat li kien irrilevanti li ż-żwieġ ma setax jiġi kkunsmat jew li l-koppja tgħix flimkien. Il-postponiment taż-żwieġ sa meta tiġi skontata s-sentenza kien ta' ħsara għas-sustanza tad-dritt taż-żwieġ. Din il-qagħda ġiet ikkonfermata iktar tard mill-Qorti Ewropea, li qalet li l-liberta` personali ma kinitx prerekwiżit għall-eżerċizzju tad-dritt għaż-żwieġ.[15] Il-priġunier ikompli jgawdi d-drittijiet fundamentali li ma jkunux kontra s-sens tad-deprivazzjoni tal-liberta`, u kull limitazzjoni oħra trid tiġi ġġustifikata mill-awtoritajiet. Qorti lokali rrifjutat permess lill-akkużat biex jiżżewweġ għaliex dehrilha li dan kien attentat biex il-ħabiba tiegħu ma tixhidx kontrih u mhux relazzjoni ġenwina, u li post ta' detenzjoni ma kienx post addattat biex issir iċ-ċerimonja taż-żwieġ. Il-Qorti Ewropea qalet li l-awtoritajiet ma setgħux iqisu jekk il-kwalita` tar-relazzjoni bejn il-koppja kinitx tali li tiġġustifika d-deċiżjoni li jiżżewġu, u lanqas li janalizzaw liema żmien u liema post kienu addattati għaċ-

[12] Opinjonijiet tal-Kummissjoni f' App. Nri. 7114/75 13 ta' Diċembru 1979 u 8186/78 10 ta' Lulju 1980
[13] X v Federal Repubic of Germany nru. 892/60 (1961).
[14] Hamer v The United Kingdom nru. 7114/15 Deċiżjoni tal-Kummissjoni 13 t'Ottrubu 1977.
[15] Frasik v Poland 5 ta' Jannar 2010; Hamer v The United Kingdom Appl. No. 7114/75, Commission Decision 13th October 1977

ċerimonja. Lanqas kellha tkun ostaklu l-veduta negattiva li kellhom l-awtoritajiet tal-ħabs bejn ħabsi u ħabsija, inkella minħabba li seta' joffendi lill-opinjoni pubblika. Kienu biss kunsiderazzjonijiet importanti relatati mal-ordni fil-ħabs jew il-prevenzjoni tad-delitti li jiġġustifikaw ir-rifjut tal-permess lill-priġunier.[16]

Fil-każ preżenti, id-direttur f'parti mid-depożizzjoni tiegħu jisħaq li m'għandu l-ebda oġġezzjoni għaż-żwieġ iżda dan huwa soġġett għad-disponibilita` tal-*prison leave*. Min-naħa l-oħra f'parti oħra tad-depożizzjoni tiegħu impliċitament stqarr li kien qiegħed jopponi għaż-żwieġ minħabba li Yousef kien hedded lill-ex tfajla tiegħu u lill-familja tagħha; li Meliza kienet qiegħda titlob li Yousef jinħeles mill-ħabs biex joqtolha; u li allura ż-żwieġ ma kellux isir. Il-Qorti hija moralment konvinta li d-direttur tabilħaqq ma riedx li ż-żwieġ iseħħ u li l-kundizzjonijiet li jieħu l-leave kienu biss skużi. Tant illi fir-risposta tiegħu għar-rikors promotur, id-direttur ma semmiex il-kwistjoni tal-*prison leave*. Il-konvinzjoni tal-Qorti hija msaħħa mhux biss mill-kuntradizzjonijet fix-xhieda tad-direttur, imma wkoll miċ-ċirkostanza li l-Prison Leave Advisory Board kien irrakkomanda l-leave biex isir iż-żwieġ; id-direttur approvah; imbagħad meta ffamiljarizza ruħu mar-record tal-priġunier qaleb id-deċiżjoni tiegħu stess. Id-direttur arroga għalih innifsu funzjonijiet li ma kinux tiegħu. Jekk ħass tassew li kien hemm raġunijiet validi biex iż-żwieġ ma jsirx, kellu jopponi mal-awtoritajiet kompetenti meta nħarġu t-tnidijiet taż-żwieġ. Kjarament jirriżulta ksur tal-Artiklu 6 ta' Konvenzjoni. Il-Qorti ssib ukoll illi r-ripensament tad-direttur għaxart ijiem qabel it-tieġ meta kienu saru l-preparamenti kollha, juri minn tal-inqas insensittivita` kbira li tammonta

[16] Frasik v Poland suċċitata.

wkoll għal trattament inuman u degradanti mhux biss għall-priġunier imma wkoll għas-sieħba tiegħu.

***Trattament inuman u tortura.***

Artiklu 3 tal-Konvenzjoni jipprojbixxi b'mod assolut it-tortura u t-trattament jew kastig inuman u degradanti, mingħajr ma jagħmel l-ebda eċċezzjonijiet: la l-kondotta tal-vittma, la d-delitt li tkun ikkommettiet, lanqas jekk ikun assoċjat ma' atti terroristiċi. Fil-Konvenzjoni Ewropea, id-differenza bejn trattament inuman u tortura ma tagħmel l-ebda differenza għaliex it-tnejn huma pprojbiti.[17] It-tortura mhix definita mill-Konvenzjoni imma hemm sentenza importanti li stabbiliet li d-differenza hija prinċipalment mill-intensita` tat-tbatija sofferta.[18]

Fil-każ preżenti l-Qorti ma tirriżultalha l-ebda tortura.

Mhux kull kastig huwa pprojbit mill-Artiklu 3; irid ikun inuman jew degradanti. Biex ikun hekk, jew ikun jikkostitwixxi tortura, it-tbatija jew l-umiljazzjoni involuti jridu jeċċedu dak li huwa inevitabilment konness ma' forma partikolari ta' trattament jew kastig.[19]

***L-iżolament***

---

[17] Kuntrarjament għall-United Convention against Torture and Other Cruel, Inhuma or Degrading Treatment or Punishment fejn ċerti obbligazzjonijiet japplikaw fil-każ tat-tortura iżda mhux dwar trattament jew kastigi kattivi, inumani jew degradanti oħrajn. Kull tortura hija trattament inuman iżda mhux bil-kontra – ara William a Schabas, The European Convention on Human Rights, A Commentary, 2015, paġna 169.
[18] Ireland v the United Kingdom 18 ta' Jannar 1978.
[19] Tyrer v the United Kingdom 25 t'April 1978; Ramirez Sanchez v France, Grand Chamber no. 49450/00 u oħrajn.

Ir-rikorrenti jikkonċedu li l-iżolament minnu nnifsu ma jivvjolax l-Art. 3 tal-Ewwel Skeda tal-Kap 319 u tal-Konvenzjoni.

M'hemmx dubju li l-iżolament soċjali totali jista' jeqred il-personalita` u jsarraf fi trattament inuman ikunu x'ikunu r-raġunijiet ta' sigurta` minħabba r-rekwiżiti assoluti tal-Artiklu 3.[20]

B'danakollu, il-Kummissjoni kienet taċċetta reġimi rigorużi mmens.

Il-Kummissjoni ddistingwiet bejn iżolament tas-sens u soċjali assolut, u t-tneħħija mill-assoċjazzjoni ma' priġunieri oħra għal raġunijiet ta' sigurta`, ta' dixxiplina jew ta' protezzjoni, iżda l-priġunier xorta jkun jista' jiltaqa' ma' uffiċjali tal-ħabs, ma' tobba, avukati, u qraba, u jżomm kuntatt mad-dinja ta' barra permezz ta' gazzetti, radju jew televiżjoni.[21] Dawn tal-aħħar ma jikkostitwixxux, normalment, trattament jew kastig degradanti.[22] Dan ukoll meta kien hemm sinjali ta' deterjorament fiżiku u mentali fi priġunieri ssegregati.

15-il xahar f'ċella ta' sitt metri kwadri ma kinitx tikser l-Art. 3, anke jekk ma kinitx desiderabbli. 23 xahar fiċ-ċella għal 23 siegħa u nofs kuljum minħabba rifjut li tintlibes l-uniformi tal-ħabs imma mtaffija minn visti ta' kuljum minn diversi persuni kienet isolazzjoni ħarxa, imma mhux serja biżżejjed biex tikser l-Art. 3.

Il-Qorti ta' Strasburgu iżda qiegħda timponi iktar restrizzjonijiet fuq l-iżolament.

---

[20] Ensslin, Baader and Raspe v Federal Republic of Germany EcomHR 8 ta' Lulju 1978 App. 7572/76.
[21] Pieter Van Dijk et. Theory and Practice of the European Convention on Human Rights 5th ed. 2017 paġna 415.
[22] Ireland v United Kingdom, EcomHR 25 ta' Jannar 1976 App 5310/71 u oħrajn.

Il-Qorti Ewropea tisħaq li l-iżolament m'għandux ikun indefinit u jkun suġġett li jiġi rivedut; hija tat ukoll piż għall-eżistenza ta' proċeduri li permezz tagħha awtorita` ġudizzjarja indipendenti setgħet tirrevedi l-mertu tal-prolungazzjoni.[23]

Biex jiġi ddeterminat jekk l-iżolament ta' priġunier ikunx trattament inuman, iridu jitqiesu ċ-ċirkostanzi kollha tal-każ, inklużi l-kundizzjonijiet partikolari, l-istrettezza tal-miżura, kemm iddum, l-oġġettiv tagħha u l-effetti tagħha fuq il-persuna milquta, kif ukoll jekk ikunx tħalla kuntatt uman minimu.[24]

Iżolament għal 15-il jum ma ġiex ikkunsidrat bħala vjolattiv tal-Artiklu 3.[25]

Restrizzjonijiet fuq assoċjazzjoni ma' priġunieri oħra għal raġunijiet ta' sigurta`, u limitazzjonijiet fuq il-visti mhumiex minnhom infushom trattament jew kastig inuman jew degradanti. Jistgħu ikunu hekk jekk tiġi kkunsidrata s-saħħa tal-priġunier jew it-tul tal-iżolament.[26] F'żewġ każijiet Pollakki, il-Qorti sabet li l-iżolament ta' priġunieri 'perikolużi' għal ħafna snin mingħajr stimulazzjoni mentali jew fiżika u mingħajr *review* tal-kundizzjonijiet kienet tikser l-Artiklu 3.[27]

Fil-każ preżenti, Yousef qatta' seba xhur fid-diviżjoni 15, sitt xhur minnhom waħdu u l-aħħar xahar ma' priġunier ieħor. Isostni li kien iżolat għal kollox, li ma tħalliex ikellem psikoloġi, u li d-direttur tal-ħabs

---

[23] Ramirez Sanchez v France 4 ta' Lulju 2006 ECHR.
[24] Lorse and Others v The Netherlands EctHR 4 ta' frar 2003 App. 52750/99 para 74.
[25] Valasinas v Lithuania App. 44558/98 24 ta' Lulju 2001.
[26] Ocalan v Turkey App. 46221/99 12 ta' Mejju 2005 Grand Chamber.
[27] Piechowics v Poland App. 20071/07 17 t'April 2012; Horych v Poland App. 13621/08 17 t'April 2012

irrifjuta li jkellmu. B'danakollu jirriżulta li kellu televiżjoni u li f'dan iż-żmien sar jaf u kellu kuntatti ma' Meliza. L-iżolament għalhekk ma kienx wieħed assolut. L-iskop tal-iżolament kien il-ġlied li kellu ma' għadd ta' persuni ta' nazzjonalita` Għarbija. Id-direttur xehed li Yousef kien jiġġieled f'kull diviżjoni li jintefa' fiha; saħansitra fid-diviżjoni tal-vulnerabbli fejn kien hemm ex-qassisin xjuħ. Yousef ma ntefax f'iżolament mid-direttur Dalli, imma mid-direttur ta' qabel. Il-Qorti tifhem li l-iżolament ta' Yousef kien iġġustifikat mill-ħtieġa li tinżamm id-dixxiplina fil-ħabs u li jiġu protetti priġunieri oħrajn. Għalhekk ma jirriżultax li kien hemm kastig jew trattament ieħor inuman jew degradanti.

Fir-rikors promotur, ir-rikorrenti jagħtu x'jifhmu li Yousef ġie trasferit f'diviżjoni 15 wara t-talba tiegħu biex jiżżewweġ f'Ġunju 2018. Dan mhuwiex minnu għaliex huwa ġie ttrasferit hemmhekk f'Jannar 2018. B'danakollu, l-Qorti xorta waħda sejra tikkunsidra jekk dan it-trasferiment jikkostitwixxix trattament inuman u degradanti, jew tortura, għaliex f'sede kostituzzjonali l-Qorti hija awtorizzata tistatuwixxi ultra vires.

Jirriżulta iżda li wara l-preżentata tal-protest ġudizzjarju, kif ukoll wara x-xandira tal-programm televiżiv ġja` msemmija, Yousef ġie ttrasferit f'diviżjoni 6, magħrufa bħala tal-kastig, darba minnhom mingħajr saqqu. Dan it-trasferiment ma sarx għal raġuni ġusta imma bi tpattija. Dan ukoll jikkostitwixxi trattament inuman u degradanti; kastig arbitrarju kontra persuna li diġa` tinstab imċaħħda mil-liberta` u fi stat ta' dipendenza totali fuq l-awtoritajiet tal-ħabs li iva għandhom iżommu d-dixxiplina imma mhux jabbużaw mis-setgħat tagħhom.

### *Ksur tal-Art. 8 tal-Konvenzjoni*

Il-Kummissjoni stabbiliet li l-kuntatt tal-priġunier ma' ħbiebu u familtu huma iktar importanti fil-kuntest tal-Art. 8, minħabba li l-mezzi normali ta' relazzjonijiet kontinwi jkun ġie mneħħi. Għalhekk l-Art. 8 jorbot lill-Istat biex jgħin kemm jista' jkun lill-priġunieri biex joħolqu u jżommu kuntatt ma' persuni barra mill-ħabs biex jgħin ir-rijabilitazzjoni soċjali tagħhom. Sussegwentement il-Qorti sostniet din il-qagħda.

M'hemmx dritt illimitat għaż-żjarat. Għandu jkun hemm raġunijiet tajbin għall-ostakli biex isiru l-kuntatti u projbizzjoni assoluta tista' tiġi ġġustifikata biss f'ċirkostanzi eċċezzjonali.[28]

Artiklu 8 jiġġarantixxi espressament id-dritt għall-korrispondenza u l-Kummissjoni saħqet li dan id-dritt kien japplika għall-priġunieri, soġġett għall-ħtiġijiet ordinarji u raġonevoli tal-priġunerija.[29]

Il-Qorti ma tarax l-ebda ġustifikazzjoni għaż-żamma ta' ittri mingħand Meliza. Huwa ovvju li dan sar bi tpattija mid-direttur Dalli talli sar protest ġudizzjarju kontra tiegħu u talli Meliza marret tilmenta dwar it-trattament tagħha u ta' Yousef fuq program televiżiv. Kien għall-istess raġuni li Meliza ġiet projbita milli tidħol fil-Faċilita` għal sitt xhur sħaħ. Id-direttur jipprova jiġġustifika ż-żamma tagħha minħabba li rrekordjat konverżazzjoni mal-gwardjani tal-Faċilita`. Dan l-attentat iżda sar b'konsegwenza tal-projbizzjoni milli taċċedi fil-faċilita` - appuntu biex ikollha provi li l-projbizzjoni kienet bla raġuni – u mhux il-kawża tagħha. Għalhekk f'dan ir-rigward l-ilment tar-rikorrenti huwa ġġustifikat.

[28] Lavents v Latvia 28 ta' Novembru 2002.

[29] Karen Reid, A Practitioner's Guide to the European Convention on Human Rights 5ed. (2015) para 70-03 paġna 855

**Decide**

Għal dawn il-motivi, l-Qorti:

1. Tiċħad l-eċċezzjonijiet tal-intimat safejn mhumiex kompatibbli mal-parti deċiżiva ta’ din is-sentenza.

2. Tilqa’ l-ewwel talba billi tiddikjara li r-rikorrenti ma tħallewx jiżżewġu bi ksur tal-Artiklu 12 tal-Konvenzjoni (kif applikata minn Art. 2, Kap 319 tal-Liġijiet ta’ Malta).

3. Tilqa’ t-tieni talba billi tiddikjara illi d-drittijiet tar-rikorrenti għal rispett lejn il-ħajja privata u familjari, id-dar u l-korripondenza kienu miksura bi ksur tal-Artiklu 8 ta-Konvenzjoni (kif applikata minn Art. 2, Kap 319 tal-Liġijiet ta’ Malta) tal-Artiklu 32(ċ) tal-Kostituzzjoni.

4. Tiċħad it-tielet, ir-raba’ u l-ħames talbiet.

5. Tilqa’ s-sitt talba billi tiddikjara illi ż-żamma ta' Yousef Essesi ġo ċella għarwien u bla saqqu hija trattament inuman u degradanti bi ksur tal-Artikolu 3 tal-Konvenzjoni (kif applikata minn Art. 2, Kap 319 tal-Liġijiet ta’ Malta) u l-Artiklu 36 tal-Kostituzzjoni. Tiddikjara wkoll li t-trattament ta’ Essesi wara l-preżentata tal-protest ġudizzjarju u l-programm televiżiv ukoll jikkostitwixxu trattament – u kastig – inuman u degradanti.

6. Tastjeni milli tieħu konjizzjoni tas-seba’ talba billi din ġiet eżawrita mill-bdil fiċ-ċirkostanzi.

7. Tiċħad it-tmien talba għaliex m'hemmx ħtieġa li tagħti lid-Direttur intimat direttivi u ordnijiet ulterjuri.

8. Tilqa' d-disa' talba billi tordna lill-intimat jikkumpensa lil Meliza Muscat €500 u lil Yousef Essesi €1,000 bħala danni morali.

Spejjeż a kariku tal-intimat.

Moqrija.

ONOR. IMĦALLEF
GRAZIO MERCIECA